MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Talba Numru. 1128/2002/1

**Silvio Mifsud**

**Vs**

**Aaron Zahra u b'digriet datat 2 ta' Ottubru 2002 gie kjamat fil-kawza Robert Zahra**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid- 29 ta' April 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm77.75 (sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bhala danni ikkagunati fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 435.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Danni kagunati mill-konvneut fit-28 ta' Gunju, 2000, meta waqt li kien qed isuq il-minibus bin-numru tar-registrazzjoni GMY 118 fi Triq A. Borg Qormi, irriversja fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 435 li kienet parkeggjata.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-incident sal-hlas effettiv.
Ra r-risposta fejn inghad li:-
a. Illi preliminarjament l-azzjoni hi preskritta fil-konfront tal-esponent u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi;
b. Illi fil-meritu, m'hemm ebda relazzjoni legali rigward dan l-incident bejn l-esponent u l-attur biex b'hekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi l-kaz in ezami huwa ferm interessanti sia mill-lat ta' fatti u sia mill-lat legali.

Relattivament dwar ir-responsabbilta' mill-lat ta' fatti, jirrizulta li l-konvenut Aaron Zahra jallega fix-xhieda tieghu li ma kienx qed isuq il-van fil-mument tal-incident. Il-kjamat fil-kawza Robert Zahra jixhed hekk similarment. Ta' l-ewwel, kien qed inaddaf iz-ziemel, fil-waqt, it-tieni kien rieqed. Allura kif sehhet il-habta? Ma giex allegat l-invers ossia li l-attur dahal hu fil-vettura opposta !

De parti taghhom, l-attur, il-mara tieghu, u t-tifel tieghu jippuntaw subghajhom fuq il-konvenut. Lilu raw fis-'seat' tas-sewwieq, u jdur mal-van meta daqqet l-'alarm'! Fl-ghassa tal-Pulizija missier il-konvenut ha mieghu lil kjamat fil-kawza. Dakinhar ma saret l-ebda oggezzjoni, aktar u aktar ghax ma riedux jimlew il-'front to rear' declaration form dwar l-incident. Dak li huwa lucidanti hija x-xhieda tal-istess Mariano Zahra.

Dakinhar tal-incident huwa kien rieqed – pero' meta sema' l-istrorbju, qam u mar jara x'gara. Qal lill-attur peress li kienu girien – pero` li kien ser isewwilhu. Veru li l-karita' Kristjana hija bla limitu! Jista' jkun li l-konvenut kien ghadu bla 'special licence'?

Illi mill-lat legali, jirrizulta kontradizzjoni fl-eccezzjonijiet tal-konvenut, li jaddebita lil kjamat fil-kawza, fil-kawza

jaghmel l-invers il-kjamat fil-kawza. It-tnejn eccipew in-nuqqas ta' relazzjoni gjudika fil-konfront tal-attur.

Inoltre, giet sottomessa da parti taghhom l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Stante li ma kienetx wahda ta' natura ta' dekadenza jista' jissucciedi li l-ecipjent jirrininzja ghall-effetti taghha jew espressament jew tacitament. Il-konvenut u l-kjamat fil-kawza ghazlu li jixhdu fuq il-meritu tal-kawza w issottomettew ruhhom ghal kontroezami. Mhux hekk biss, izda producew xhieda in sostenn tal-eccezzjoni taghhom fuq il-meritu. Eccessjoni ta' preskrizzjoni ma tigix sostenuta b'dan il-mod ta' azzjoni. Di fatti ma ngabu l-ebda prova fuqha. Il-konvenut u l-kjamat in kawza lanqas biss insistew fuqha. Setghu biss jigu soggettati ghal gurament decisorio (vide f'dan is-sens Melbourne Co Ltd. vs A.I.C Lawrence Montebello). Huma pero' ghazlu triq ohra li fil-fehma tat-Tribunal twasslu biex jikkunsidra bhala rinunzjata. Aktar u aktar ukoll in vista tax-xhieda tal-istess missierhom bhala punt ta' irgulija, li f'dan is-sens ma jistax ma jigix kommendat.

Dwar id-danni reklamati; gew esibiti ricevuti relattivi li ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu akkordati.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Aaron Zahra, jichad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, jilqa' it-tieni eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u jiliberah mill-osservanza tal-gjudizzju, u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' u sebghin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm77.75) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz (29 ta' April 2002) sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------